



Brussell, il-11 ta' April 2019

**MISTOQSJIET U TWEĠBIET RELATATI MAL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT MILL-UNJONI EWROPEA FIL-QASAM TAL-ĠUSTIZZJA ĊIVILI U D-DRITT INTERNAZZJONALI PRIVAT**

Fit-18 ta' Jannar 2019, is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea ppubblikaw aġġornament tal-*“Avviż lill-partijiet ikkonċernati – il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja ċivili u tad-dritt internazzjonali privat”* (minn issa 'l quddiem *“l-avviż ta' tħejjija għall-Brexit”*)<sup>1, 2</sup>.

**Din il-lista ta' Mistoqsijiet u Tweġbiet (MuT) toffri, fuq il-bażi tal-avviż ta' tħejjija għall-Brexit, gwida ulterjuri f'każ li r-Renju Unit (UK) isir pajjiż terz fid-*“data tal-ħruġ”* mingħajr ma jkun hemm ftehim dwar il-ħruġ ratifikat u mingħajr il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ.**

**Id-data tal-ħruġ hija l-1 ta' Novembru 2019<sup>3</sup>.**

**Dawn il-MuT jistgħu jerġgħu jiġu aġġornati u kkomplementati jekk ikun meħtieġ.**

## 1. ĠURISDIZZJONI

### 1.1. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, assigurat tar-Renju Unit jista' jiġi mfittex fil-qradi fl-UE-27<sup>4</sup>?

Il-proċedimenti mibdija b'seħħ mid-data tal-ħruġ fl-Istati Membri tal-UE-27

<sup>1</sup> <https://ec.europa.eu/info/files/civil-justice>.

<sup>2</sup> Huwa mfakkar li r-Renju Unit ma jipparteċipax bis-sħiħ fl-acquis tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

<sup>3</sup> Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Wara l-ewwel estensjoni li ġiet deċiża fit-22 ta' Marzu 2019, fil-11 ta' April 2019 il-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 50) iddeċieda, bi ftehim mar-Renju Unit, li jerġa' jestendi l-perjodu ta' sentejn (2) previst fl-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea sal-31 ta' Ottubru 2019.

Madankollu, f'każ li r-Renju Unit ma jorganizzax elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u ma jkunx irrattifika l-Ftehim dwar il-Ħruġ sat-22 ta' Mejju 2019, id-data tal-ħruġ hija l-1 ta' Ġunju 2019.

<sup>4</sup> Għalkemm it-Trattati tal-UE jipprevedu arranġamenti speċifiċi dwar in-nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-Irlanda u tad-Danimarka f'din il-parti tal-acquis tal-UE, qed jintuża l-kunċett ta' *“UE-27”* f'għieħ is-simpliċità.

L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali<sup>5</sup> jistabbilixxi r-regoli għal ġurisdizzjoni internazzjoni rigward kwistjonijiet relatati mal-assigurazzjoni. Dawk ir-regoli jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-UE meta l-assiguratur ikun domiċiljat fi Stat Membru<sup>6</sup>.

Dan ifisser li b'seħħ mid-data tal-ħruġ, il-possibbiltà li jittieħdu passi kontra assicuratur mir-Renju Unit fil-qorti ta' Stat Membru tal-UE tiddependi mil-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru tal-UE.

#### Proċedimenti pendenti fid-data tal-ħruġ fl-Istati Membri tal-UE-27

Għal kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni internazzjonali fi proċedimenti pendenti fid-data tal-ħruġ, jekk jogħġbok irreferi għall-avviż ta' thejjiġa għall-Brexit.

### **1.2. Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 se jibqa' japplika għal kuntratti konklużi minn konsumatur b'seħħ mid-data tal-ħruġ?**

#### Proċedimenti mibdija b'seħħ mid-data tal-ħruġ fl-Istati Membri tal-UE-27

Din il-kwistjoni hija indirizzata fl-*“Avviż lill-partijiet ikkonċernati - Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u d-drittijiet tal-passiġġieri.”*<sup>7</sup>

#### Proċedimenti pendenti fid-data tal-ħruġ fl-Istati Membri tal-UE-27

Għal kwistjonijiet ta' kompetenza internazzjonali fi proċedimenti li jkunu pendenti fid-data tal-ħruġ, irreferi għall-avviż ta' thejjiġa għall-Brexit.

### **1.3. Kif se tapplika r-regola *lis pendens*?**

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, l-obbligu stipulat fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 għal qorti fi Stat Membru tal-UE-27 ma jibqax japplika fir-rigward ta' qrati invokati fir-Renju Unit.

Madankollu, fir-rigward ta' qrati li jkunu ġew invokati l-ewwel fir-Renju Unit, isir applikabbli l-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012.

---

<sup>5</sup> ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.

<sup>6</sup> Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012, assicuratur li ma jkunx domiċiljat fi Stat Membru iżda li jkollu fergħa, aġenzija jew xi stabbiliment ieħor fi Stat Membru għandu jitqies bħala domiċiljat f'dak l-Istat Membru fi kwistjonijiet li jinjalghu minn dik il-fergħa.

<sup>7</sup>

[https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file\\_import/consumer\\_protection\\_and\\_passenger\\_rights\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file_import/consumer_protection_and_passenger_rights_mt.pdf).

## 2. LIĠI APPLIKABBLI

### 2.1. X'se tkun il-liġi applikabbli għall-kuntratti konklużi minn konsumatur b'seħħ mid-data tal-ħruġ?

L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I)<sup>8</sup> jiżgura li, meta negozjant ta' pajjiż terz jindirizza konsumaturi li jkunu jirrisjedu b'mod abitwali fi Stat Membru tal-UE, irrispettivament mil-liġi magħżula mill-partijiet jew li tapplika awtomatikament, dawk il-konsumaturi jgawdu mill-protezzjoni mandatorja ta' dik il-liġi. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dan se japplika wkoll b'rabta ma' negozjanti tar-Renju Unit<sup>9</sup>.

## 3. RIKONOXXIMENT U EŻEKUZZJONI

### 3.1. Sentenza li tingħata mir-Renju Unit tista' tiġi rikonoxxuta u infurzata skont ir-regoli tal-UE b'seħħ mid-data tal-ħruġ?

Din il-kwistjoni hija indirizzata fl-avviż ta' tħejjija għall-Brexit: ir-regoli tal-UE dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar mhux se japplikaw għal sentenza ta' qorti tar-Renju Unit, anki meta s-sentenza tkun ingħatat qabel id-data tal-ħruġ jew il-proċedimenti ta' infurzar ikunu nb dew qabel id-data tal-ħruġ.

L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola hija jekk sentenza ta' qorti tar-Renju Unit tkun ġiet rikonoxxuta bi proċedura ta' exequatur qabel id-data tal-ħruġ. Ir-raġuni għal dan hija li sentenza bħal dik tkun diġà ġiet iddikjarata infurzabbli fi Stat Membru speċifiku tal-UE mill-qrati ta' dak l-Istat Membru qabel id-data tal-ħruġ. Għalhekk, il-fatt li s-sentenza tkun oriġinarjament ingħatat minn qorti tar-Renju Unit huwa irrilevanti. Din l-eċċezzjoni tapplika wkoll għal strumenti u fehmiet awtentiċi, li jkunu ġew iddikjarati infurzabbli fi Stat Membru tal-UE-27 qabel id-data tal-ħruġ.

### 3.2. X'jiġri jekk ċertifikat ikun inħareġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 qabel id-data tal-ħruġ?

Ir-regola stipulata fit-taqsimha 3.1 ta' dan id-dokument ta' MuT, jiġifieri li l-infurzar skont il-liġi tal-UE jieqaf, japplika wkoll għall-ħruġ ta' ċertifikat fl-Istat Membru ta' oriġini skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012. Il-ħruġ ta' ċertifikat bħal dak fl-Istat Membru ta' oriġini ma jistax jitqabbel ma' dikjarazzjoni ta' infurzar ("exequatur") fl-Istat Membru ta' infurzar qabel id-data tal-ħruġ.

---

<sup>8</sup> ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.

<sup>9</sup> Ara wkoll l-*Avviż lill-partijiet ikkonċernati - Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u d-drittijiet tal-passiġġieri.* [https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file\\_import/consumer\\_protection\\_and\\_passenger\\_rights\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file_import/consumer_protection_and_passenger_rights_mt.pdf).

L-Istat Membru jista' jiddeċiedi skont il-liġi nazzjonali li jkompli japplika essenzjalment l-istess regoli applikati attwalment fir-rigward ta' sentenza tar-Renju Unit li għaliha jkun inħareġ ċertifikat skont ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 qabel id-data tal-ħruġ.

### **3.3. X'jiġri rigward ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenza tar-Renju Unit mogħtija minn qorti magħżula fi ftehim dwar l-għażla tal-qorti?**

Proċedimenti mibdija b'seħħ mid-data tal-ħruġ fi Stati Membri tal-UE

Fit-28 ta' Diċembru 2018, ir-Renju Unit iffirma u rratifika l-Konvenzjoni tal-Aja tal-2005 dwar Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti<sup>10</sup>. Din se tapplika għar-Renju Unit meta r-Renju Unit joħroġ mill-UE mingħajr ftehim dwar il-ħruġ.

Madankollu, skont l-Artikolu 16(1) tal-Konvenzjoni, **din se tapplika biss għal ftehimiet esklussivi dwar l-għażla tal-qorti li jkunu ġew konklużi wara d-dħul fis-seħħ tagħha għar-Renju Unit**, jiġifieri wara li r-Renju Unit ikun sar parti mill-Konvenzjoni<sup>11</sup>.

Proċedimenti pendenti fid-data tal-ħruġ tal-Istati membri tal-UE

Fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar proċedimenti pendenti fid-data tal-ħruġ, irreferi għall-avviż ta' tħejjija għall-Brexit.

### **3.4. X'jiġri dwar ir-rikonoxximent ta' sentenza ta' divorzju tar-Renju Unit?**

Sentenza ta' divorzju fir-Renju Unit li tkun ingħatat qabel id-data tal-ħruġ, iżda li ma tkunx suġġetta għal proċediment ta' rikonoxximent skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri<sup>12</sup>.

Sentenza ta' divorzju, li l-effetti tagħha jkunu diġà seħħew qabel id-data tal-ħruġ, mhux se titlef il-validità tagħha b'seħħ mid-data tal-ħruġ. Sentenza bħal dik tibdel l-istatus tal-konjugi minn "miżżewġin" għal "divorzjati", u dak l-istatus jiġi preżunt li huwa l-istess fl-Istati Membri kollha tal-UE-27. Jekk il-bidla fl-istatus tkun seħħet qabel id-data tal-ħruġ, tibqa' valida fl-Istati Membri tal-UE-27 sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni ta' qorti dwar in-nuqqas ta' rikonoxximent jew sa ma jkun hemm deċiżjoni bħal dik. Il-fatt li r-reġim legali sussegwentement jinbidel ma jwassalx biex deċiżjoni ta' dak it-tip dwar l-istatus titlef l-effetti tagħha. Madankollu, jekk sentenza ta' divorzju tiġi kkontestata fl-UE b'seħħ mid-data tal-ħruġ, ma jibqgħux japplikaw ir-

<sup>10</sup> <https://www.hcch.net/en/instruments/conventions/full-text/?cid=98>.

<sup>11</sup> Id-data inizjali tal-adeżjoni indikata mir-Renju Unit kienet l-1 ta' April 2019, iżda r-Renju Unit attwalment ipposponiha għat-13 ta' April jew għat-23 ta' Mejju 2019 skont ix-xenarji, ara wkoll in-nota f'qiegħ il-paġna 3.

<sup>12</sup> ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1.

regoli tal-UE dwar ir-raġunijiet biex sentenza ta' divorzju ma tiġix rikonoxxuta, iżda r-raġunijiet biex sentenza ta' divorzju ma tiġix rikonoxxuta ikunu soġġetti għal-liġi nazzjonali.

#### Proċedimenti mibdija b'seħħ mid-data tal-ħruġ fl-Istati Membri tal-UE-27

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1970 dwar ir-rikonoxximent tad-divorzji u tas-separazzjonijiet legali<sup>13</sup> tindirizza l-kwistjoni fil-livell internazzjonali. Ir-Renju Unit huwa parti f'dik il-Konvenzjoni, iżda attwalment 12-il Stat Membru tal-UE-27 biss huma partijiet kontraenti. Kwalunkwe Stat Membru tal-UE li jkun beħsiebu jingħaqad mal-Konvenzjoni jeħtieġ jikseb awtorizzazzjoni tal-UE.

#### Proċedimenti pendenti fid-data tal-ħruġ fl-Istati Membri tal-UE-27

Għal kwistjonijiet ta' proċedimenti pendenti fid-data tal-ħruġ, irreferi għall-avviż ta' tħejjija għall-Brexit.

### **3.5. X'jiġri f'każ tar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni ta' manteniment tar-Renju Unit?**

#### Proċedimenti mibdija b'seħħ mid-data tal-ħruġ fl-Istati Membri tal-UE-27

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment għat-Tfal u Forom oħra ta' manteniment tal-familja<sup>14</sup> tindirizza l-kwistjoni fil-livell internazzjonali. Fit-28 ta' Diċembru 2018, ir-Renju Unit iffirma u rratifika dik il-Konvenzjoni. Se tapplika għar-Renju Unit meta r-Renju Unit joħroġ mill-UE mingħajr ftehim dwar il-ħruġ.

Madankollu, skont l-Artikolu 56(1) tal-Konvenzjoni, **il-Konvenzjoni se tapplika biss għat-talbiet u l-applikazzjonijiet magħmula wara li r-Renju Unit ikun sar parti mill-Konvenzjoni**<sup>15</sup>.

#### Proċedimenti pendenti fid-data tal-ħruġ fl-Istati Membri tal-UE-27

Fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' proċedimenti pendenti fid-data tal-ħruġ, irreferi għall-avviż ta' tħejjija għall-Brexit: b'seħħ mid-data tal-ħruġ, jieqfu japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar previsti mill-liġi tal-UE rigward proċedimenti li jkunu quddiem il-qrati tal-Istati Membri tal-UE fid-data tal-ħruġ u li jinvolvu parti domiċiljata fir-Renju Unit. Dawk id-dispożizzjonijiet speċifiċi huma applikabbli biss f'każijiet transkonfinali kif definit fir-Regolament, jiġifieri meta jintalbu r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni ta' manteniment li toriġina minn Stat Membru, fi Stat Membru ieħor. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, dan ir-rekwiżit ma jibqax jiġi ssodisfat minn

<sup>13</sup> <https://www.hcch.net/en/instruments/conventions/full-text/?cid=80>.

<sup>14</sup> <https://www.hcch.net/en/instruments/conventions/full-text/?cid=131>.

<sup>15</sup> Id-data inizjali tal-adeżjoni indikata mir-Renju Unit kienet l-1 ta' April 2019 iżda r-Renju Unit attwalment ipposponiha għat-13 ta' April jew it-23 ta' Mejju 2019 skont ix-xenarji, ara wkoll in-nota 3 f'qiegħ il-paġna.

partijiet b'domiċilju jew residenza abitwali fir-Renju Unit. Imbagħad, ikun f'idejn l-Istati Membri tal-UE-27 li jiddeċiedu kif għandhom jitrattaw il-każ f'termini ta' proċedura: jgħid jekk ikomplix skont il-liġi proċedurali nazzjonali jew jekk iwaqqfux il-proċedimenti u jitolbu lir-rikorrenti jergħu jibdewhom skont il-liġi proċedurali nazzjonali. Ir-Regolamenti ma jipprevedux soluzzjoni unika valida għall-każijiet kollha bħal dawn.

#### 4. INSOLVENZA

##### 4.1. X'għandu jsir fil-każ ta' proċedimenti ta' insolvenza li jinfetħu fi Stat Membru tal-UE-27?

Proċedimenti ewlenin jew sekondarji miftuħa b'seħħ mid-data tal-ħruġ fl-Istati Membri tal-UE-27

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit ma jistax jibqa' jiftaħ proċedimenti fuq il-bażi tar-Regolament (UE) 2015/848.

L-Istati Membri tal-UE-27 ikomplu japplikaw ir-Regolament (UE) 2015/848, filwaqt li jqisu lir-Renju Unit bħala pajjiż terz li għalih ma japplikax ir-Regolament (UE) 2015/848.

Il-proċedimenti ewlenin jew sekondarji pendenti fid-data tal-ħruġ fi Stat Membru tal-UE-27.

It-taqsimha 1 tal-avviż ta' thejjiġa għall-Brexit tapplika wkoll għal proċedimenti ta' insolvenza.

Ir-regoli tal-UE dwar il-ġurisdizzjoni jkomplu japplikaw. Jekk qabel id-data tal-ħruġ, il-proċedimenti ewlenin jkunu nfetħu fir-Renju Unit u l-proċedimenti sekondarji jkunu nfetħu fi Stat(i) Membru/i tal-UE-27, il-qradi tal-Istat(i) Membru/i ikkonċernat(i) jżommu l-ġurisdizzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza<sup>16</sup>.

##### 4.2. X'jiġri f'każ li proċedimenti ta' insolvenza jkunu infetħu fir-Renju Unit qabel id-data tal-ħruġ?

It-taqsimha 2 tal-avviż ta' thejjiġa għall-Brexit japplika wkoll għall-proċedimenti ta' insolvenza:

Il-proċedimenti ta' insolvenza, li jkunu bdew fir-Renju Unit u jkunu pendenti fid-data tal-ħruġ, ma jibqgħux jiġu rikonoxxuti mill-Istati Membri tal-UE-27 skont ir-Regolament (UE) 2015/848 b'seħħ mid-data tal-ħruġ.

---

<sup>16</sup> ĠU L 141, 5.6.2015, p. 19.

## 5. KWISTJONIJIET OĦRAJN

### 5.1. X'jiġri minn proċeduri Ewropej speċifiċi (Proċedura tal-Ordni ta' Ħlas<sup>17</sup> Ewropea jew il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar<sup>18</sup>)?

It-Taqsimiet 1 u 2 tal-avviż ta' tħejjija għall-Brexit japplikaw ukoll għal proċeduri Ewropej speċifiċi.

#### Proċeduri mibdija b'seħħ mid-data tal-ħruġ fl-Istati Membri tal-UE-27

Għal proċeduri li jinvolvu intimat b'domiċilju fir-Renju Unit mibdija fid-data tal-ħruġ jew warajha fl-Istati Membri tal-UE, il-proċeduri speċifiċi tal-UE mhux se jibqgħu jkunu disponibbli.

#### Proċeduri pendenti fid-data tal-ħruġ fl-Istati Membri tal-UE-27

Il-Proċedura tal-Ordni ta' Ħlas Ewropea u l-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar huma disponibbli biss f'każijiet transkonfinali kif definiti fir-Regolamenti rilevanti, jiġifieri meta mill-inqas parti waħda tkun domiċiljata jew ikollha r-residenza abitwali tagħha fi Stat Membru li ma jkunx dak tal-qorti invokata<sup>19</sup>. Il-proċeduri li jkunu qed jinstemgħu quddiem il-qorti tal-Istati Membri tal-UE-27 fid-data tal-ħruġ u li jinvolvu parti domiċiljata fir-Renju Unit jieqfu skont il-liġi tal-UE b'seħħ mid-data tal-ħruġ. Huwa f'idejn kull Stat Membru tal-UE-27 li jiddeċiedi jekk, fuq il-bażi tal-liġi proċedurali nazzjonali

- Ikomplix il-proċedura pendenti. M'hemm xejn fil-liġi tal-UE li tista' twaqqaf il-proċedura.
- Iwaqqafx il-proċedura, jiġifieri r-rikorrent irid jerġa' jibdiha skont il-liġi proċedurali nazzjonali.

### 5.2. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, hemm xi alternattiva għall-ghajjnuna legali fit-tilwim transkonfinali?

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003 biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajjnuna legali għal tilwimiet bħal dawn<sup>20</sup>, ma tibqax tapplika fl-Istati Membri tal-UE-27 fil-konfront tar-Renju Unit.

<sup>17</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea (ĠU L 399, 30.12.2006, p. 1).

<sup>18</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jstabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1).

<sup>19</sup> L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 u l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 861/2007.

<sup>20</sup> ĠU L 26, 31.1.2003, p. 41.

Ma hemm l-ebda strument tal-liġi internazzjonali li jista' jittratta din il-kwistjoni. B'seħħ mid-data tal-ħruġ, il-liġi nazzjonali tapplika għall-ġhajjnuna legali f'tilwim transkonfinali.

### **5.3. Fil-qasam tad-dokumenti pubbliċi, tista' terġa' tkun meħtieġa postilla, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, għal dokumenti maħruġa mir-Renju Unit?**

Ara t-Taqsima 5 tal-avviż ta' tħejjija għall-Brexit.

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, l-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE-27 se jkunu intitolati li jesiġu postilla skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1961 dwar l-Apostille<sup>21</sup> u li japplikaw il-liġi nazzjonali tagħhom rigward traduzzjonijiet ta' dokumenti pubbliċi maħruġa mill-awtoritajiet tar-Renju Unit ippreżentati lilhom b'seħħ mid-data tal-ħruġ.

oOo

---

<sup>21</sup> <https://www.hcch.net/en/instruments/conventions/full-text/?cid=41>.